MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Numru. 598/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON FRANCIS SULTANA**

**VS**

**PAUL GAUCI BORDA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Gauci Borda, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 481492 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar l-14 ta` Jannar 2012 u fil-granet u jew xhur ta` qabel din id-data ta` filghaxija x'imkien fl-inhawi ta` Tas-Sliema u f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` hila, setgha fuq

haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta` aktar minn elf ewro (€1,000) gahd-dannu ta` Kurt Borg u jew ta` persuni ohra.

U finalment, akkuzat ukoll talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, b'diversi sentenzi mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll li tohrog ordni ta` protezzjoni ai termini tal-Artikoli 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta` htija ma` kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Kif ukoll, f'kaz ta` htija l-Qorti giet gentilment mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` Kurt Borg ai termini tal-Artikolu 383 *et sequitur*, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali, l-Artikoli 533, 49, 50, 412C u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni dina l-Qorti wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza, itenni li l-prova ta` ricediva ma saritx kwindi tilliberah minnha.

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 308, 309, 310, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-artikolu 383 ukoll, il-Qorti qiedgha tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta` prigunerija ta` sentejn (2) izda tordna li dan it-terminu ma jibdiex isehh jekk fi zmien erba` (4) snin mil-llum l-imputat ma jigix akkuzat u jinstab hati ta` reat iehor li jgib il-piena ta` prigunerija. Inoltre, u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A u kif ukoll bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H li bih l-imputat ghandu jhallas dak kollu dovut lil Kurt Borg l-ammont ta` elf u hames mitt ewro (€1,500) fi zmien sitt (6) xhur mil-llum.

Il-Qorti qiedgha wkoll tapplika l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u qed tobbliga lill-imputat sabiex bl-ebda mod ma jdejjaq jew jimmolesta lil Kurt Borg ghal ebda raguni taht penali ta` hames mitt (€500) fin-nuqqas.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------